Tema 4

# Djarna u bini madwarna



**Tagħrif għall-għalliema: Din is-silta se tesponi 'l-istudenti għal lessiku li għandu x'jaqsam mat-tqassim tad-dar, l-ismijiet tal-kmamar u n-numri. Tolqot ukoll l-Aspett Soċjokulturali minħabba li jissemmew l-ismijiet li nagħtu lid-djar Maltin.**

**Tema 4: Djarna u bini madwarna**

**Silta tas-smigħ:**

Mark: L-għodwa t-tajba, Abdul. Kif inti?

Abdul: Illum inħossni naqra għajjien. Ilbieraħ mort inżur ħafna appartamenti mal-familja tiegħi għax irridu nikru wieħed.

Mark: Għoġobkom xi appartament?

Abdul: Se nikru appartament f'Buġibba stess.

Mark: Xi pjaċir. Se nkunu noqogħdu qrib ta' xulxin. X'inhu l-indirizz?

Abdul: 30, 'Santa Marija', Triq il-Baħrin, Buġibba.

Mark: Kemm fih kmamar?

Abdul: Fih ħames kmamar. L-ikbar kamra hi s-salott. Hemm ukoll kċina, żewġ kmamar tas-sodda u kamra tal-banju.

Mark: Fejn se ddaħħlu l-karozza?

Abdul: Krejna garaxx li qiegħed taħt l-appartament.

Mark: Għandkom ħwienet fil-qrib?

Abdul: Iva hemm ħanut kbir mhux ħażin xi żewġ kantunieri 'l bogħod .
Illum se nibdew inġorru l-affarijiet fl-appartament. Meta nlestu tkun tista' tiġi s'għandi.

Mark: Iva, bil-qalb kollha. Saħħa!

**Eż. A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ✓ fil-kaxxa:**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Abdul se jmur joqgħod f'appartament. | | |
| 2. | L-appartament għandu n-numru għoxrin. | | |
| 3. | L-appartament qiegħed fi Triq Santa Marija. | | |
| 4. | L-appartament qiegħed fil-Mellieħa. | | |
| 5. | L-appartament fih ħames kmamar. | | |
| 6. | L-ikbar kamra hi l-kċina. | | |

**Eż. B: Agħżel it-tweġiba t-tajba:**

1. Abdul kien (bil-ġuħ, għajjien).
2. L-appartament fih żewġ kmamar (tal-banju, tas-sodda).
3. Il-garaxx qiegħed (taħt, fuq) l-appartament.
4. Hemm ħanut (tliet, żewġ) kantunieri 'l bogħod.

